**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Ilum 8 ta` April 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa’, illum Kummissarju tal-Pulizija)**

**Vs**

**Carmen Santonocito**
**nee` Mangion**

**Kump. Nr. 514/2009**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Carmen Santonocito nee` Mangion**, bint Felix Mangion u Adelaide nee Mizzi, imwielda Pieta` nhar it-13 ta` Ottubru 1971, residenti Orchid Flat 7, Triq Vajrita, Marsaskala, detentrici tal-karta ta` l-identita` numru **446171M**, fejn giet akkuzata talli f’dawn il-gżejjer f’Ġunju 2008 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni

waħda, approprjat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddiehor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi ġġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioè ħadet u żammet għandha l-ammont ta' flus ta' €340,968.03 (ammont emendat ghal €367,462.00 skond zewg verbali 28/07/2009 u 14/03/2012) għad-dannu ta' BIM Limited liema flus kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minħabba depozitu neċessarju.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta l-Artikolu 5 ta l-Att kontra l-Money Laundering Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija, tapplika fil-konfront ta` l-akkuzata d-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tas-16 ta` April 2012 (ara folio 365) fejn iddecieda li l-imputata ghandha tigi ggudikata mill-Qorti tal-Magistrati, u l-kunsens ta` l-imputata sabiex il-kawza taghha tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati, moghti fl-udjenza tal-24 ta` April 2012 (ara verbal a folio 366);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset sew is-sottomissjonijiet tal-partijiet (ara nota tad-difiza ipprezentata fl-udjenza tal-14/04/2023 u l-verbal ta` l-istess udjenza fejn l-prosekuzzjoni ghamlet sottomissjonijiet orali);

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

**L-Ispettur Angelo Gafa (illum Kummissarju tal-Pulizija)** xehed nhar il-15 ta' Gunju 2009 a fol. 33 fejn spjega li l-każ beda b'rapport datat 9 ta' Marzu 2009 minn Dr Caruana Curran f'isem BIM Ltd fejn ġie allegat approprjazzjoni indebita ta' €326,120 għad-dannu ta' BIM Ltd minn ċertu Carmen Santonocito, l-akkużata odjerna. Qal li din kienet impjegata ma' din is-socjetà fiż-żmien meta sar ir-reat. Fis-16 ta' Marzu 2009 kien kellem lil General Manager tal-kumpanija ċertu Charles Ebejer fil-preżenza tas-segretarju tal-kumpanija u konsulent finanzjaraju William Spiteri Bailey fejn qalu li għall-ħabta ta' nofs Ġunju, 2008 is-sur Spiteri Bailey kien skopra numru ta' irregolaritajiet fil-kontijiet tal-kumpanija speċjalment fir-rigward ta' dak li kellu x'jaqsam mas-sezzjoni ta l-iggalvanizzar ta' BIM Ltd. Spjegalu kif filfatt kien hemm sistema ta' *checks and balances* adottata għal dak li għandu x'jaqsam is-section tal-galvanising fejn hemm hekk għandek proċedura fejn Tony Busuttil *in charge* minn din is-sezzjoni jieħu ħsieb ir-reġistru ta' din is-sezzjoni u hu jikkoordina ma' dak iż-żmien l-accounts clerk tal-kumpanija l-akkuzata odjerna.

Il-procedura kienet li kull job li jidħol għal *galvanizing section* jiġi assessjat u jinghata *sequential number*, tiġi kkrejata job card fuqha jkun hemm id-dettalji kollha tax-xogħol meħtieġ u fejn hemmmhekk wara li jitlesta ix-xogħol il-job card tgħaddi għand l-accounts clerk fejn din toħroġ invoice li din tiġi riferuta lill-galvanising section qabel ma' dawn l-oġġetti jiġu mibura mill-klijenti. Jidħlu l-accounting entries fis-sistema tal-kumpanija u r-reġistru tal-galvanising section jiġi updated billi tidħol invoice number u d-data ta' meta jkun ser jinġabar ix-xogħol. Kull cash u cheque li jidħlu fil-ġurnata fil-galvanising section jitniżżlu fir-registru f'dak li jissejjaħ daily invoice reconciliation sheet fejn dan allura fl-aħħar tal-ġurnata jaraw l-ammont li għandhom f'idejhom u jinqasmu f'cash u f'cheques. Dan id-daily invoice reconciliation sheet finalment kien jgħaddi għand l-accounts clerk fl-aħħar tal-ġurnata flimkien mal-flus miġbura kemm cash u kemm cheques kif indikati fl-istess reconciliation sheet u kienet responsabilità tal-accounts clerk li tara li dak indikat fid-daily invoice reconciliation sheet u cioè l-ammont ta' cash u cheques indikat fiha filfatt tirċevih hi mingħand il-galvanising section. Wara li allura jerġgħu jiġu updated l-accounting entries, l-accounts clerk kienet imbagħad tgħaddi billi tiddepożita dawn l-ammonti fil-bank. Meta allura s-sur Spiteri Bailey għamel l-istħarriġ tieghu ra li fis-sistema bejn il-galvanising section u l-accounts clerk s'hemmhekk is-sistema ħadmet tajjeb fejn allura kellek id-daily invoice sheets li kienu qed jiġu mgħoddija għand l-accounts clerk. Minn hemm 'l hemm beda allura jsib l-irregolaritajiet. Ġie kkonfermat li għaddew il-flus mill-galvanising section għand l-accounts clerk però d-depositi tagħhom qatt ma instabu fil-bank jew ma instabx kollox filfatt.

Kien hemm numru sostanzjali ta' euro, eluf ta' euro neqsin mill-kontijiet bankarji tal-kumpanija u meta filfatt kien sar meeting għall-ħabta tas-sajf tas-sena l-oħra bejn il-kumpanija u l-akkużata flimkien mar-rappreżentant legali tagħha Dr Kris Borg. Allegatament intqal waqt dik il-laqgħa li l-akkużata kienet f'Ġunju 2017 tilfet depositu ta' LM120,000 waqt li kienet sejra il-bank. Min-naħa tiegħu

William Spiteri Bailey kien spjega l Avukat Borg dan skont ma qal Spiteri Bailey li l-investigazzjoni tal-kumpanija kienu juru li dawn il-flus ma intilfux f'ġurnata waħda, f'perjodu wieħed imma *over a period of time*, filfatt minn Jannar 2007 sa Mejju 2008 u ma kienx każ allura ta' ġurnata jew tnejn partikolari. Kien qed jirriżulta koll li kienu ċ-ċekkijiet li kienu qed jiġu riċevuti fil-galvanising section li kienu qed jiġu depositati l-bank u l-cash ma kinux qed jiġu depositati u allura din kienet konferma oħra li l-flus kienu qed jittieħdu mill-galvanising section għand l-accounts clerk imma imbagħad l-accounts clerk kienet allegatament qed tiddepozita biss ċekkijiet u f'każijiet ftit ammonti ta' cash. Filfatt kien hemm ammont ta' LM97,000 li dawn qatt ma kienu ġew depositati. IL-kumpanija BIM kienet sussegwentement appuntat lil Price Water House Cooper sabiex jinvestigaw min-naħa tagħhom din id-diskrepanza fejn filfat rrizulta diskrepanza b'vantaġġ ta' BIM Ltd fl-ammont ta'  €279,533.31.

Fil-konklużjoni tagħha il-Pricewaterhouse Cooper qalu li filfatt kien hemm diversi rounded credit entries fejn allura dawn ħolqu suspett għaliex l-entries kienu anke bic-cents u allura kienu ikunu *rounded figures* u dak kien suspett wieħed u filfatt mhux il-cash kollu kien qed jigi depożitat fil-kontijiet bankarji tal-kumpanija. Filfatt per eżempju għall-perjodu bejn Jannar 2007 u 2 ta' Lulju 2008 il-cash sales tal-kumpanija kienu 282,291. Minn dawn kienu ġew depositati biss 17,525 u allura kien hemm id-diskrepanza ta' 264,776 euro.

Instab ukoll li f'Jannar 2008 ġol-kontijiet bankarji tal-kumpanija kienu instabu depositu ta' 46,587 dawn permezz ta' erba' ċekkijiet ta l-HSBC pagabbli lil Andrea Santonocito li dan kien jiġi ir-raġel tal-akkużata. Meta dawn instabu 4 ċekkijiet tal-HSBC pagabbli lil Andrea li dawn gew depożitati fil-kont bankarju tal-kumpanija BIM u dan f'Jannar 2008 liema allura Andrea nstab li ma kellu x'jaqsam xejn ma dan l-operat tal-kumpanija u lanqas biss kellu x-xogħol li tiegħu kellu jħallas lill-kumpanija. Filfatt allura li kieku ma ġewx depositati dawn

il-€46,587 din id-diskrepanza kienet tkun ħafna ikbar u ċioè tiżdied b'dak l-ammont.

Huwa reġa' kellem lil William Spiteri Bailey fis-27 ta' Mejju 2009 fejn dan qal li filwaqt li l-audit financial statements tat-2007 kienu ġew konklużi tat-2008 kienu waslu biex jiġu konklużi u issa l-fondi neqsin telgħu għal €294,381.03. Però gie spjegat li peress li tat-2008 kienu għandhom ma ingħalqux il-financial statements kien hemm possibiltà allura li l-figura titla'. Huwa min naħa tiegħu kien għamel investigazzjoni mal-banek fejn però minn dawn, mill-kontijiet bankarji kemm tal-imputata li għaraf preżenti fl-awla kif ukoll mar-raġel tagħha ma sab xejn wisq relevanti ma' dan il-każ. Sab però li seta' jikkonferma li dawk l-erba' ċekkijiet kienu ġew maħruġa lil Carmen u Andrea Santonocito mill-bank HSBC f'forma ta' home loan u li dawn sussegwentement kienu ġew depositati fil-kont bankarju tal-BIM ltd. Mela allura dan kien home loan li l-imputat flimkien mar-raġel tagħha kienet ħadet mal-HSBC. Mill-banda l-oħra però ma sabx traċċi ta' depositi abnormali fil-kontijet tagħhom, kemm tal-imputata kif ukoll tar-raġel tagħha li seta' jillinkjhom ma' xi approprjazzjoni indebita ta' BIM Ltd.

Sab depositi qawwijin ukoll li meta stabilixxa mal-BOV irriżultalu li kien hemm cekk ta' €30,000 li kienu rebħu mill-Casino di Venezia. Illi anke mill-*bank statements* tagħħa irrizultaw diversi withdrawals b'mod partikolari fil-Portomaso Casino. Kien jidher allura u għalhekk ra li l-imputata kienet tiffrekwenta b'mod partiklari il-casinos.

Huwa interroga lill-imputata fis-27 u 28 ta' Mejju, 2009 wara li taha id-debita twissija skont il-liġi iżda din għazlet li ma tweġibx għad-domandi li kienu ser jiġu imposti lilha. L-ispetur Angelo Gafa interroga ukoll lil żewġha li ukoll għazel li ma jweġibx.

L-aħħar figura li kellu kienet €294,381.03 u għalhekk mill-ammont li sab li daħlu u ċioè €46,587 fil-kont bankarju tal- BIM Ltd irrizulta li l-ammont totali allegat li gie misapproprijat mill-kumpanija kien ta' €340,968.03 u kien għalhekk li kien dak l-ammont li ingħata fil-konfront tal-imputat. Ma jeskludix però li wara li jixhed Spiteri Bailey jgħid li dan l-ammont seta' tela' u dan peress li l-*financial statements* tas-sena 2008 kienu għadhom mhux konkluzi. F'dak l-istadju xtaq jesebixxi d-dokumenti u jikkummenta dwarhom. Ippreżenta il-kwerela datat 9 ta' Marzu, 2009, email mibgħuta minn Spiteri Bailey konsulent finanzjajru tas-socjeta BIM Ltd fejn dan tah update bl-aħħar figura fl-ammont ta' €294,381.03 u dawn instabu neqsin mill-kontijiet bankarji tal-kumpanija BIM Ltd u fiha hemm speċifikament il-perjodu relattiv għal dan l-ammont. Esebixxa dokument ieħor u cioè ż-żewġ stqarrijiet tal-imputata u rċevuta maħruġa minnha datat 27 ta' Mejju 2009 rigward il-qbid ta l-ID card tagħha li kien gie ezebit mal-preżentata.

Ippreżenta korrispondenza li kien irċieva fis-27 ta Mejju 2009 mill-Casino di Venezia fejn indika li mis-sena 2007 sas-7 ta' Mejju 2009 instab record ta' 49 entries tal-imputata fil-Casino di Venezia. Dokument ieħor maħruġ mill-istess Casino di Venezia  dwar ir-rebħ li għamlet l-imputata indikat fl-ammont ta' €32,774 f'okkazjoni waħda. Dokument ieħor magħruf bħala il PIRS datat 10 ta' Ġunju 2008 bin-numru 4H1603/2009 u rapport ieħor tal-pulizija datat 3 ta' Mejju 2008 bin-numru 4H1259/2008, Jgħid li record ta' kemm kienet tilgħab l-imputata m'għandhomx u dan għaliex kienet tilgħab fuq il-kaxxi u mhux fuq l-imwejjed.

**William Spiteri Bailey** xehed nhar il-15 ta Ġunju 2009 a fol. 59 u spjega li huwa accountant u awditur bħala professjoni u segretarju tal-bord ta BIM ltd.  Mistoqsi jekk jafx lill-imputata jgħid li iva bħala accounts clerk fil BIM ltd.  Jgħid li xi sena ilu kien hemm numru ta' ġranet meta l-imputata ma kinitx qed tmur għax-xogħol u kienet tkun sick. Jgħid li l-imputata kienet tieħu ħsieb l-accounts kollha tal-

kumpanija BIM Ltd fis-sens li tagħmel il-postings, tieħu ħsieb id-debtors, il-kuntatt mal-payments ukoll u tagħmel il-payments hi ukoll jiġifieri bażikament kienet tieħu ħsieb il-funzjoni kollha tal-accounts. Kienet ilha taħdem fil-kumpanija għal madwar 10 jew 11 il sena. Jgħid li d-deposits taċ-ċekks u tal-cash kienu ir-responsabbiltà tagħha u cioe tal-imputata.

Huwa kkonferma x-xhieda mogħtija mill-ispettur Angelo Gafa  u jgħid li kienet tkun l-imputata li tiċċeklja l-flus mar-*reconciliation sheets* u jekk jaqblu tiddeposithom il-bank. Dan kien isir nhar ta' Erbgħa u l-flus kien jiġu depositati l-għada. Huwa kien imur hemm kull nhar ta' Erbgħa bhala *financial accountant* u xogħlu kien li joħroġ l-accounts darba fix-xahar, jgħaddi l-accruals u *depreciation* ta' kull xahar, kif wkoll jagħmel *forecasts* tas-soċjetà u *statistics*.

Jgħid li fit-18 ta' Ġunju l-imputata ma kintix xogħol u għalhekk ried jagħti daqqa t'għajn u jara l-accounts u nnota meta ħares lejn il-cash flow li l-cash kien tiela' f'dak il-perjodu b'ammont sostanzjali. Jiġifieri il-bilanċ kien qisu fl-aħħar xhur telgħa b'mod esaġerat u rrejalizża li beda jara ċertu entries illi kienu qed jiġu reversed jiġifieri jidħlu qabel l-aħħar tax-xahar meta joħroġ l-accounts biex iniżżel il-bilanċ u wara l-aħħar tax-xahar meta joħroġ l-accounts biex iniżżel dak il-bilanc jerġa' jkun hemm reversal u ma jkunx hemm description. Ma rahiex li kienet ħaġa li normalment issir. Għalhekk li għamel hu li ssepara l-figuri fuq iktar spreadsheets u beda janalizża naqra u rrejalizża li fis-sena 2008 on a monthly basis l-ammonti qishom kienu qed jiżdiedu b'€40,000 kull xahar. Ovvjament f'dak il-punt kellem is-sur Ebejer li huwa l-General Manager u qallu li kien hemm xi ħaġa li ma kinitx qed iddoqlu. Qallu li kienet qed tfalli naqra mhux ħażin dak iż-żmien u kien hemm ċertu posting li kienu għadhom ma sarux u ssuġerixxa li nhar it-Tnejn meta suppost kellha tidħol l-imputata, hija kellha tagħmel l-updates ta' dawk il-postings kollha biex jista' jieħu a good snap shot tas-sitwazzjoni kif inhi. Meta mar l-Erbgħa ta' wara innota li ma kienet għamlet xejn ghax kellha l-pagi x'tagħmel u dak il-ħin qalilha biex jagħmlu cash account.

Qaltlu li ma setghetx tagħmel cash count għax kellha deposit kbir x'tagħmel ta' 120,000 mingħajr ma qaltlu jekk hux Maltin jew Euros u kien għadu ma kellhiex ir-receipt ta' dan id-deposit.

Qal li wara ħarġet mill-kamra irritornat lura mar-raġel taghha imbikkma iżda ħaseb li kellha xi problemi mar-raġel u għalhekk ma staqsihiex iktar. Ftit wara reġa' staqsiha biex jagħmlu cash count  u qaltlu li kien hemm problema għax id-deposit kien għadu ma sarx. Qalilha li kien ser iċempel lil bank iżda ma ħalliethux qaltlu li seta' kien għand ir-raġel tagħha. Dak il-ħin staqsiha jekk għandhiex problemi mar-raġel u li l-affarijiet tal-kumpanija għandhom jinżammu min-nies tal-kumpanija biss. Dak il-ħin ordnalha li tgħajjat lir-raġel biex iġib id-deposit lura.

Dak il-ħin nizel isfel u Carmen qaltlu li kienet tilfet id-deposit, u qaltlu li dan seħħ f'Gunju 2008. Staqsiha jekk kinitx għamlet rapport u qaltlu li beżgħet u ma qalet lil ħadd.

Dak il-ħin ix-xhud William Spiteri Bailey tela fuq u mar ikellem lis-sur Ebejer u ċemplu lil Dr George Cassar li kien ic-Chairman tal-BIM. Dan kien ixxukjat ukoll. Lis-sur Ebejer din irrepetiet l-istess storja però qaltlu li setgħet tilfithom f'Novembru 2007 minflok Ġunju 2008. Dak il-ħin qaltlu li kienu cash u ċekkijiet. Is-sur Ebejer qalilha li kien ser jissospendiha iżda hija qaltlu li kienet lesta li taħdimhom u tħallashom mill-paga u iġġib loan. Dan il-ħin is-sur Ebejer iddeċieda li jissospendiha.

Illi imbaghad ix-xhud beda jagħmel l-indaġini tiegħu u qabbad il PricewaterHouse Coopers li ghamlu rapport sħiħ li filfatt mir-rapport ħareġ

ħafna iżjed.  Sabu li d-deposits li saru fl-aħħar sena kienu fil-parti l-kbira ċekkijiet u ftit saru deposits ta' cash. Pricewaterhouse Coopers raw ir-reconciliation sheets li minnhom indikaw dak li kienu cash u dak li kienu ċekkijiet u jidher li ħafna mill-cash qatt ma kien ġie depositat. Jaf li kien hemm erba' ċekkijiet fl-ammont ta' €20,000 f'isem Andrea Santonocito li ġew depositati u meta staqsewha dwarhom qalet li kienet iddepositat xi funds, izda minkejja li kienet irritornat parti mill-flus baqgħet tieħu iktar flus wara ukoll.

Jikkonferma li l-ammont mir-raport irriżulta li kien €279,000 u dan dwar il-galvanising biss. Però dak iż-żmien kienu waslu għall-aħħar tal-audit u l-ammont tela' għal €340,000. Li kien qed jiġri hu li meta il-BIM tiċievi somma flus mingħand id-debtor ma taqtgħux mis-sistema. Kienet taqta' l-iktar antiki u mhux dawk riċenti. Fejn jidħlu l-kontijiet ta' Light Engineering kienet taqta' nofs id-debitu tal-klijent u b'hekk il-figuri telgħu. Huwa esebixxa ir-rapport imħejji minn Pricewaterhouse Coopers li huma l-awdituri ta-socjetà liema rapport huwa datat 29 ta' Settembru 2008 u jirrigwarda il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-2 ta' Lulju 2008. Esebixxa ukoll sensiela ta' remittance advices li juru id-data meta filfatt ħarġu ċ-ċekkijiet u ukoll kopja tad-deposits taċ-ċekk depositat min-naħa tal-bank illi turi li kienet viċin id-date taċ-ċekk però imbagħad ir-remittance turi xahrejn wara per eżempju.

Dwar iċ-ċekkijiet maħruġa f'isem żewġha l-imputata tgħid li kienet iddepositathom fil-kont tal-bank biex jagħmlu tajjeb in parti għal dawk il-flus li kienet tilfet. Muri l-email esebita fl-atti maħruġa minnu jikkonfermaha fl-intier taħħha. Ikkonferma li l-bilanċ debitu tal-BIM kien tela' għal €294,000 iżda wara irrejalizza li filfatt kien hemm  somma oħra ta' 46,000 li kellha tiżdied ma din is-somma u għalhekk is-somma finali telgħet ghal €340,000.

Rat ukoll ix-xhieda tiegħu tat-28 ta' Lulju 2009 meta ġie riprodott biex jixhed. Huwa ippreżenta il-financial statements u l-audited accounts tas-sena 2007/2008 imħejjja minn Price Waterhouse Coopers u rapport ieħor imħejji minnhom din id-darba għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2008. Jirriżulta li l-ammont totali u finali li mmisapproprijat l-imputata kien fl-ammont ta' €320,875.

**Charles Ebejer** xehed nhar it-23 ta' Frar, 2010 a fol 121 u spjega li jokkupa l-kariga ta' General Manager mal BIM u ilu jaħdem hemm minn Novembru, 2004. Jgħid li sar jaf lill-imputata meta beda jaħdem mal-BIM u jgħid li kienet responsabbli għall-accounts, kienet tagħmel il-maintenance tal-purchases u ledgers il-maintenance tal-cash book u l-handling tal-cash, debtors control, il-posting tal-journal entries u l-bank accounts reconciliation u anke xi filing flimkien ma' xi duties ohra. Qal li prattikament kienet tagħmel id-duties kollha tal-accounts. Ikkonferma li darba fil-gimgħa kien imur is-Sur Spiteri Bailey u dan kien joħroġ l-monthly l-management accounts.

Darba minnhom f'Gunju 2008 jgħid li kien mar Spiteri Bailey jagħmel l-erbgha siegħat tiegħu tax-xogħol u l-imputata kienet bis-sick leave u qallu li meta kien qed jagħmel xi *routine checks* fl-accounts kien sab xi affarijiet xi diskrepanzi li kienu strambi u ma setax jispjegahom u kien daqxejn konfuż. Kienu ftiehmu li l-imputat kellha tidħol it-Tnejn u kien ċemplilha biex iġġib l-accounts kollha up to date sal-Erbgha sabiex meta ikun hemm Spiteri Bailey jistgħu jaraw l-affarijiet aħjar. Qal li l-cash control ma kienx qed jaqbel, kien hemm xi posting li ma sarx u li kienu pjuttost antiki.

Qal li it-Tnejn l-imputata irritornat għax-xoghol, l-Erbgħa kien mar Spiteri Bailey u f'ħin minnhom kien daħal fl-uffiċċju u kien qallu li l-imputata trid li jmur ikellimha isfel. Wara ftit ħin reġa' irritorna lura l-ufficcju tiegħu maħsud u xxukjat u qallu

lil-imputata kienet tilfet deposit ta’ LM120,000. Dak il-ħin iccassa u qabad u ċempel lic-chairman Dr George Cassar. Jgħid li l-imputata l-ewwel qaltlu li kienet tilfet dan id-deposit fis-sena 2008 iżda wara ftit qaltlu li kien f’Novembru 2007. Qaltlu li d-deposit kien fi flus kontanti iżda dak il-ħin qalilha li ma kienx qed jemminha għaliex l-ammont kien kbir ħafna. Staqsiha għaliex ma kinitx qaltlu qabel iżda ma irrisponditux. Din bdiet tibki u tgħidlu li kulħadd jista’ jkollu żball u kienet lesta li taħdimhom u tieħu loan. Qalilha li ma kienx qed jemminha. Staqsiha fejn kienet tilfithom u jgħid li ma kinitx taf tgħid.

L-għada reġghu iltaqgħu u iddeċidew li jqabbdu lil Price Waterhouse Coopers biex jagħmlu l-audit tal-kumpanija. L-aħħar estimi urew li kien hemm diskrepanza ta’ €341.000.

Rat ix-xhieda ta’ **Simon Flynn** moghtija nhar il-25 ta Marzu 2011 a fol. 161 u ikkonferma li huwa partner mas-socjetà Price Waterhouse Coopers. Muri id-dokument esebit fl-atti jgħid li dan hu ir-rapport li ġew ikkummissjonati li jagħmlu fuq talba tal-BIM li huma awdituri tagħha. Jikkonferma li  f’Ġunju 2008 kienu ġew mitluba jagħmlu investigazzjoni dwar diskrepanzi li kien hemm fil-kontijiet tal-kumpanija. Jgħid li dan hu ir-rapport li ħarġu datat 29 ta’  Settembru 2008. Ir-riżultat huwa li kien hemm diskrepanza ta’ €279,533 fil-kontijiet tal-kumanija. Jikkonerma li hemm esebit it-tieni rapport li juri l-financial year statement sa 31 ta’ Diembru 2008.

Rat ix-xhieda ta’ **Tony Busuttil** li xehed fil- 25 ta’ Marzu 2011 a fol. 164 u jgħid li huwa *galvanizing clerk* mal-BIM u ilu jaħdem hemm għal madwar 40 sena. Mistoqsi jekk jafx ill-imputata jgħid li jafha fuq ix-xogħol. Spjega xogħlu u li meta jmorru n-nies b’xogħol għal galvanizing, jiggalvanizzawh, ilestuh u wara imorru jiġbruh u jigbor il-flus ta’ dak ix-xogħol li jkun għamel. Imbagħad filghaxija jara id-daily sheets, il-job number u l-ammont ta’ flus u jitla’ quddiem l-imputata bil-

flus li jkun ġabar tal-ġurnata. Kien ikunu kemm cash kif ukoll ċekkijiet. Din issir ta' kuljum. Huwa għamel xi photocopies u ppreżenthom il-Qorti. L-oriġinali taghhom jinsab ix-xogħol kemm għamel kopji tagħhom hu stess għal Qorti.

Ix-xhud reġa' xehed nhar is-6 ta' Mejju 2011 esebixxa numru ta' dokumenti li huma fotokopji wara li ġie muri l-oriġinali lil Qorti u dawn ġew markati bhala dok numru 36. Dawn huma il-flus il fadlu f'dik il-gurnata u li gew mgħoddija lill-imputata preżenti fl-awla.

**<u>Rowald Attard xehed</u>** nhar li-25 ta' Marzu 2011 a fol. 169 u stqarr li jahdem bħala Manager fil-legal Office tal-Bank of Valletta. Huwa esebixxa *statements* ta' l-imputata kemm f'isimha kemm f'isem *third parties* għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa dakinhar li xehed. Jgħid li hemm tliet kontijiet f'isem Andrea Santonocito u Carmen Santonocito. L-ewwel kont huwa Savings hemm bilanc ta' zero, it-tieni wiehed huwa *loan* u hemm bilanc ta' €941.65 u li fit-tielet kont hemm bilanċ ta' €2,604.94, dawn ġew mmarkati bħala dok 15. Jgħid li d-deposits ta' LM25,000 fl-20 ta' Novembru, 2006 u l-iehor fl-ammont ta' €26,888.57 sar fit-28 ta' April 2008 daħlu fil-kont numru 15108415016 f'isem Andrea Santonocito u għandu it-*transaction* u l-*voucher* tad-deposit li ġie mmarkat bħala dok numru 16. Ic-ċekk image ġie depositat bħala dok 17. Id-deposit l-ieħor ta' €30,000 pagabbli lill-imputata daħal fil-kont 15108415016 f'isem Andrea u l-imputata. Id-deposit ġie mmarkat bħala dok 18 u ċ-ċekk image ġie mmarkat bħala dok 19. Mistoqsi jispejga ir-raġuni wara il-bank draft tal-BOV 525027 maħruġ fuq kont bankarju 100196790201 datat 4 ta' Awwissu, 2006 ta' LM 17,000 pagabli lill-imputata. Jgħid li dan kien inħareġ parti miċ-ċekk pagabbli lill-imputata fl-ammont ta' €17,671.62 li minnu ġie kaxxjat u ħareġ bills payable ta` LM17,000 u għandhom kopja taċ-ċekk u kemm taċ-ċekk li minnu originaw il-fondi. Dawn gew esebiti u markati bħala dok 20 flimkien.

Nhar is-6 ta Mejju 2011 reġa' xehed  u mitlub jesebixxi l-accounts tal BIM Ltd reġistrazzjoni C 475 mill-1 ta Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008 jgħid li dawn ġew esebiti minnu mmarkati bħala dok 33 overdraft numru tal-kont 14100163011 dan jibda mill-1 ta Jannar 2007 sat-30 ta Gunju 2008. Esebixxa dokument numru 34 li huma wages account dejjem bin-numru 14100163024 mill-perijodu l-1 ta Jannar 2007 sat-28 ta Gunju 2008. Esebiti wkoll kont tal BIM li huwa Savings Account bin-numru 14100163118 dan imur mill-perjodu ta 21 ta' Diċembru 2007 sat 22 ta' Dicembru 2008. Id-differenza illi f'dak il-perjodu li ġie mitlub ma kien hemm xejn ghalhekk id-dati.

**Audrey Ghigo għan nom tal-HSBC** xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2021 u kkonfermat li taħdem bħala representative ghall-Qorti mal-HSBC Bank Malta plc u tinsab fl-uffiċċju legali tal-istess bank. Ġiet mitluba tagħmel ricerka dwar il-kontijiet bankarji tal-imputata mis-sena 2006 sa dakinhar li xehdet u r-riċerka saret fl-14 ta' Settembru 2010. Din kellha Savings account bin-numru 054133475050 u dan għandu bilanċ ta' €70,108.55 kif jidher mid-dokument esebita u markat bħala dok 27. Għandha *loan account* ieħor bin-numru 18040200 dan infetaħ fil-5 ta' Jannar 2008 u l-bilanċ attwali sal-1 ta' Settembru 2010 kien zbilanċ ta' €64,738.97. Dan ġie esebit u mmarkat bħala dok 28. Għandha loan account ieħor bin-numru 14105491 dan il-kont infetaħ fit-13 ta' Jannar 2005 u ngħalaq fl-10 ta' Awwissu 2006 u dan il-kont ġie markat bħala dok 29. Ġiet mitluba biex tesebixxi kopja ta' deposit li sar fil-5 ta' Awwissu 2006 ta €17,000 fil-kont numru 05413347050 u giet mitluba biex tagħti d-dettalji ta' dan id-deposit. Dan kien sar mill-Bank of Valletta ċekk numru 525027 mill-kont numru 10196790201. Dan id-dokument ġie esebit u mmarkat bħala dok numru 30. Ġiet mitluba tesebixxi informazzjoni dwar deposit li sar fl-istess kont ta' LM59,365.79. Tgħid li dawn il-flus gew depositati mill-loan li kien ittieħed minn Andrea Santonocito bin-numru 18060200 dawn il-flus kienu ġew trasferiti. Dan id-dokument qed jiġi markat bħala dok 31. Ġiet ukoll mitluba sabiex tesebixxi ċekk images bin-numri 1382, 1383, 1384 u 1386 li huma pagabbli lil Andrea

Antonocito datati 5 ta' Jannar 2008 u dawn ġew debitati fil-kont 054128483050 u dan il-kont jgħajjat lil Andea Santonocito. Dawn iċ-ċekk images ġew esebiti w immarkati bħala dok numru 32.

**Carlo Abela xehed** nhar is-6 ta' Mejju 2021 f'isem il-Casino di Venezia. Ġie mitlub jixhed dwar l-imputata li hija reġistrata bħala klijenta tal-Casino mis-sena 2005 irriżultalu li kienet marret l-Casino għal madwar 139 drabi mis-6 ta' Gunju 2005 sad-29 ta' Marzu 2011 liema lista ġiet immarkata bħala dok numru 37. Ikkonferma li kienet sarfet xi flus però ma jfissirx li ma kinitx ħadet aktar flus magħha li kienu tagħha qabel. Jgħid li kemm tkun tilfet flus ma jistax ikun jaf. Huwa ppreżenta il-kopja tar-registration tagħha li giet markata bħala dok numru 38 u dokument ieħor markat bħala dok numru 39 li jindikaw il-flus li hija sarfet fuq il-cash desk tal-Casino.

Xehed ukoll **Hubert Brincat** (a folio 277), bhala financial controller tad-Dragonara Casino Ltd bejn s-snin 2001 u 2008. Huwa esebixxa d-data li kellhom dwar l-imputata u l-perjodu kien bejn 02/04/2005 u 22/02/2009; id-dokument gie mmarkat bhala dok 40 (u minnu jidher li l-imputata kienet tiffrekwenta sew il-casino in kwistjoni).

Xehed ukoll **Joe Sammut** (a folio 293) bhala security manager tal-Casinos, Oracle u Portomaso, u esebixxa d-data relattiva ghall-imputata mmarkata bhala dok 41 (a folio 297) u dok 42 (a folio 307) – dokumentazzjoni li turi r-relazzjoni sostanzjali li l-imputata kellha mal-casinos in kwistjoni bejn Lulju 2006 u April 2011.

**Dr Richard Sladden** xehed nhar 21 ta' Dicembru 2011 a fol. 356 u pprezenta żewġ rapporti, wiehed fil-konfront tal-imputata u l-iehor fil-konfront tas-socjetà FX Consultancy Ltd, esebiti rispettivament bhala dok 43 u dok 44.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi f'dan l-istadju jehtieg li jigu ndirizzati xi punti proceduralI qabel ma ssir analizi tal-evidenza u l-valur probatorju taghha.

Illi minnufih f'dan li stadju din il-Qorti sejra tiskarta kompletament l-istqarrijiet li l-imputata tat lill-investigaturi nhar is-27 u t-28 ta` Mejju 2009 u qed tqis tali stqarrijiet bhala li ma ghandhom ebda valur probatorju; u dana fuq li skorta ta` sentenzi fir-rigward u cioe ghar-raguni illi l-imputata kienet irrilaxxjat tali stqarrijiet meta ma kienitx assistita minn avukat.

Illi ukoll, din il-Qorti qed tiskarta kompletament dik il-parti tax-xhieda li kien ta l-ispettur (illum Kummissarju tal-Pulizija) Angelo Gafa, fejn fid-depozizzjoni tieghu ix-xhud jaghmel referenza ghall-istaqrrijiet ta` l-imputata, u wkoll ghal dak li setghet qaltlu l-imputata – u dana ghar-raguni gia msemmija fil-paragrafu precedenti.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, li s-succint taghhom gie indikat fil-parti precedenti, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputata skond il-Ligi. Ma hemmx dubbju illi fiz-zmien inkriminanti, l-imputata kienet impjegata mas-socjeta` BIM Limited. Kienet tiehu hsieb s-sezzjoni ta` l-accounts u fost id-doveri taghha hija kienet tircievi flus u cekkijiet, li kellhom jigu depozitati favur is-socjeta` msemmija. Irrizulta illi fix-xhur u fis-snin ta` qabel Gunju 2008, b'mod sistematiku, hija kienet, bi ksur tal-fiducja moghtija lilha mis-socjeta` li maghha kienet impjegata, tapproprija ruhha, bi profit ghaliha jew ghal zewgha, minn fondi (flus jew cekkijiet) li kienu ntizi li jsir minnhom uzu specifikat (u cioe li jigu depozitati regolarment f'kont bankarju tas-socjeta`).

**Ikkunsidrat**;

Illi, ukoll, in tema ta` piena u/jew sanzjoni, din il-Qorti hasbet fit-tul. Hadet nota sew tal-kontenut tas-*social inquiry report*, imhejji wipprezentat mill-ufficjal tal-probation Charisse Boffa (ara folio 470 et seq). Mhux facli tibbilancja l-fatturi, dak tal-hniena, ma dak imsejjah *punishment to fit the crime*. L-ammont approprijat kien wiehed ezorbitanti; u ghalhekk ukoll, mhux sorpriza li l-imputata qatt ma ghamlet xi forma ta` rifuzjoni.

**Konkluzjoni**.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 31, 293, 294, 310(1)(a), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib u tiddikjara lil Carmen Santonocito, hatja tal-akkuza kif migjuba kontra taghha u tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tlett (3) snin.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tikkundanna lill-hatja għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.**

Tordna ghalhekk li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur sabiex jiehu hsieb l-esekuzzjoni ta` din l-Ordni.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Bernardette Zammit

Deputat Registratur